MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2927/2002

***Joseph Pullicino fil-kwalita' tieghu t'amministratur tal-kondominju tal-Caledonia Tower***

***vs***

***Elesolar Company Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rappresentanti *maintenance fees* dovuti ghaz-zewg skadenzi semestrali ta' mitt lira Maltin il-wahda dovuti ghas-sena 2002 u li jithallsu bil-quddiem u cioe' ghall-ewwel skadenza ta' mitt lira Maltin tkun bejn l-1 ta' Marzu 2002 u l-31 ta' Awissu 2002 u t-tieni skadenza ta' mitt lira Maltin dovuta bejn l-1 ta' Settembru 2002 u t-28 ta' Frar 2003, liema *maintenance fees* huma dovuti ai termini ta' l-Istatut u d-decizjonijiet ta' l-Assocjazzjoni tal-

kondomini amministrata mill-attur u kif ukoll tad-dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tal-21 ta’ Novembru 2002, u bl-imghax legali mid-data tal-1 ta’ Marzu 2002 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur Joseph Pullicino, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------